**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 03 ta' Lulju 2023**

**Rikors Numru 26/2022**

**Martin Spiteri**

**Vs**

**Awtorita` għat-Trasport f'Malta**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ippreżentat minn **Martin Spiteri** fit-28 ta' Marzu 2023 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:

1. *Illi l-esponent Martin Spiteri huwa debitament liċenzjat u awtorizzat li jwettaq testijiet biex jiċċertifikaw li vetturi bil-mutur huma tajba għat-triq ossia t-test tal-VRT. Illi dan jopera minn ġewwa stazzjon magħruf bl-isem 'Car Clinic VRT Station', li jinsab fl-indirizz 26, Gżira Road, Gżira.*

2. *Illi fil-kors tal-eżerċizzju ta' din l-attivita', u preċiżament fid-19 ta' Jannar, 2022, l-esponent wettaq test tal-VRT fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MXV-550.*

3. *Illi fl-istess data u ħin, l-esponent issottometta 'Formola Dwar Diskrepanzi' lill-Awtorita' intimata peress illi dan kien irriżultalu li kienet teżisti diskrepanza fl-ammont ta' mili/kilometri tal-imsemmija vettura. Għalhekk, huwa minnufih informa lill-Awtorita' intimata b'tali diskrepanza u l-fatt li allura kien sar żball fl-ammont ta' mili/kilometri meta sar it-test tal-VRT.*

4. *Illi madanakollu, b'deċiżjoni datata 7 ta' Marzu, 2022 (hawn annessa u mmarkata bħala Dok. A) l-Awtorita' intimata għarrfet lill-esponent li huwa kien qed jiġi penalizzat tmenin (80) punt, ai termini tal-partiti 54 u 55 tat-Tnax-il Skeda ta' l-Avviż Legali 126 tal-1998, kif sussegwentement emendat.*

5. *Illi l-esponent ħassu aggravat minn din id-deċiżjoni, u għalhekk qed jinterponi dan l-umli appell minnha.*

6. *Illi l-aggravju tal-esponent huwa ċar u manifest, in kwantu l-esponent wettaq it-test tal-VRT skont il-liġi, u allura m'hemmx lok li jiġu mposti penali fuqu.*

7. *Illi hekk kif ser jirriżulta ampjament waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, fil-mument li l-esponent wettaq it-test tal-VRT fuq il-vettura in kwistjoni, l-istess esponent ma naqas milli jagħmel assolutament xejn li kien fid-dmir tiegħu li jagħmel bħala tester tal-VRT. Anzi, l-esponent f'kull ħin għamel dak li kien mistenni minnu qua tester u dejjem mexa bil-massima bona fides. Għalhekk, l-esponent ma kiser l-ebda obbligu jew kondizzjoni tal-liċenzja tiegħu, bil-konsegwenza li m'hemmx lok għall-impożizzjoni ta' penali.*

8. *Illi subordinarjament u mingħajr preġudizzju, l-Awtorita' intimata ddeċidiet timponi l-punti ta' penali kontemplati f'partiti 54 u 55 tat-Tnax-il Skeda surriferita b'mod inġust u żbaljat għal kollox, u dan peress illi dawn il-partiti (flimkien mal-punti ta' penali relattivi) ma jsibu assolutament ebda applikazzjoni fil-każ odjern. Dan qiegħed jingħad stante li m'huwiex minnu illi l-esponent naqas milli jinnota a malfunctioning or tampered odometer u li naqas milli jinnota jew injora xi diskrepanza fl-odometer readings tal-vettura in kwistjoni.*

**9.** *Illi fid-dawl ta' dan, jidher li l-Awtorita' intimata naqset għal kollox milli tikkunsidra l-'Formola Dwar Diskrepanzi' li ġiet sottomessa mill-esponent stess dakinhar li sar it-test tal-VRT, b'dan għalhekk illi l-istess Awtorita' intimata ma setgħet qatt tasal għad-deċiżjoni tagħha b'mod ekwu u ġust.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq premessi kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dan l-appell, l-esponent umilment jitlob lil dan ir-rispettabbli Tribunal jogħġbu jilqa' dan l-umli appell u jħassar, jirrevoka u jikkanċella d-deċiżjoni mogħtija mill-Awtorita' intimata fis-sebgħa (7) ta' Marzu, 2022 fil-konfront tal-esponent, u dan bl-ispejjeż kontra l-istess Awtorita' intimata.*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` għat-Trasport f'Malta** datata 30 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:

1. *Illi l-appell interpost mill-appellant Martin Spiteri għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tiegħu stante d-deċiżjoni tal-Awtorita' rispondenti kif notifikata lill-appellant permezz tal-ittra tagħha datata 7 ta' Marzu, 2022 hija waħda ġusta, korretta u skond il-liġi u għalhekk għandha tiġi konfermata u r-rikors preżentat mir-rikorrent appellant għandu jiġi miċħud għar-raġunijiet li se jiġu hawn imtennija.*

2. *Illi l-Awtorita' rispondenti nfliġġiet fuq l-appellant 80 punt penali skond il-partiti 54 u 55 tal-Iskeda 12 għal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 u dan stante li minkejja li, kif ammess mill-istess appellant, **qabel** ma huwa kkonduċa test tal-VRT fuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MXV 550 huwa ntebaħ illi l-qari tal-odometer ma kienx korrett, huwa xorta waħda pproċeda biex ikkonduċa tali test tal-VRT fuq l-imsemmija vettura u ħareġ 'Pass Test result' billi anke inputtja qari skorrett tal-odometer fis-sistema, u dan bl-iskop uniku illi minkejja kollox huwa jipproċedi b'dan it-test. Id-Discrepancy Form imtliet wara li sar dan it-test tal-VRT u nħareġ 'pass test result' u dan bi ksur tal-obbligi tiegħu, u għalhekk il-punti penali li ġew fuqu inflitti huma applikabbli fil-każ odjern u m'hemm ebda raġuni għaliex dan l-appell għandu jiġi milqugħ.*

3. *Illi għal dawn il-motivi l-appell interpost mill-appellant għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kollha kontra tiegħu.*

Sema' x-xhieda;

Ra d-dokumenti esebiti;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata kontenuta f'ittra datata 7 ta' Marzu 2022 li permezz tagħha ġie mgħarraf bis-segwenti, u ċioe`:

*Re: Breach of VRT Tester obligations*

*The Authority draws your attention to the fact that, by your own admission, you have wilfully inputted a false odometer reading when conducting the VRT Test on vehicle bearing Registration Number MXV 550 at Car Clinic VRT Station in order to proceed with the VRT Test of the said vehicle instead of following the proper procedure by instructing the vehicle owner to report the matter at Transport Malta offices in order for the odometer reading to be officially corrected before a passed test result is issued.*

*In view of the grave and serious violations of your obligations in terms of law, this Notice in Writing is being issued in terms of Regulation 21(2) of S.L. 65.15.*

*Your actions qua TESTER are in breach of the provisions of paras: (b) and/or (d) of Regulation 14(2) of S.L. 65.15. and Items 54 and 55 of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15 as follows-:*

| *Item* | *Offence* | *Points* |
|---|---|---|
| *54* | *Failing to note a malfunctioning or tampered odometer (if available)* | *50* |
| *55* | *Failing to note or overlooking discrepancies in odometer readings* | *30* |

*Consequently, the sanctions established in Regulation 21 of S.L. 65.15 are applicable in this case and hence 80 penalty points are being imposed against you in terms of the Twelfth Schedule to S.L. 65.15 as per above.*

**Martin Spiteri** xehed illi huwa *tester* tal-VRT u ilu jagħmel dan ix-xogħol mill-1999. Spjega li fid-19 ta' Jannar 2022 daħlet il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni MXV 551 fil-garaxx tiegħu sabiex isirilha l-VRT. Huwa daħħal id-dettalji li kienu murija fuq il-*logbook* tal-vettura biex ikun jista' jibda t-test, ra l-*odometer* u beda t-test. Il-vettura għaddiet mill-istadji kollha tat-test u pproċeda biex jagħmel il-*pass test certicificate* fejn hemmhekk jitla' l-*mileage* tal-aħħar test li jkun sar. Hawnhekk huwa nduna b'diskrepanza fl-*odometer* fis-sens illi dak li kien qed jiġi riportat bħala mili fil-fatt kienu kilometri. Dan ġara peress li qabel ma ġiet impurtata ġewwa Malta ġiet imwaħħla *conversion sticker* fuq l-*speedometer* peress li l-Ingilterra jaħdmu bil-mili. Spjega li dan l-iżball kien ilu jsir numru ta' snin. Għalhekk huwa mela *discrepancy form* li fuqha kiteb "*please note that odometer was entered in miles by mistake when VRT was carried out"*[1] u taha lil sid il-vettura biex imur joħodha Transport Malta u wara xi tlieta/erbat ijiem il-kwistjoni ġiet irranġata da parti ta' Transport Malta u dan kif muri fuq Dokument MS2 a fol. 38 li huwa *reprint* taċ-ċertifikat li huwa kien ħareġ fid-19 ta' Jannar 2022. Spjega li l-klijent ma ħax pjaċir b'dawn iċ-ċirkostanzi però f'dak l-istadju li fih kien wasal it-test ma setax imur lura ħlief li jimla *discrepancy form*. Għalhekk huwa ħass li dak li ġie akkużat bih mill-Awtorita` intimata kien inġust.

**Johann Cremona**, uffiċjal fl-Uffiċju Regolatorju tal-Awtorita` intimata, xehed illi fost affarijiet oħra, xogħolu hu li jassisti persuni li jkollhom problemi relatati mal-qari ta' *odometers* wara li jkunu għamlu l-VRT u dana billi janalizza u jirranġa l-iżbalji. Spjega li fl-20 ta' Jannar 2022 kienet ġiet għandu formula ta' diskrepanza mimlija minn Martin Spiteri rigward il-vettura MXV550 fejn irraporta li kien sab diskrepanza fl-*odometer* waqt li kien qed jittestja l-istess vettura fid-19 ta' Jannar 2022. Meta x-xhud għamel il-verifiki tiegħu nduna li l-istess diskrepanza kienet saret fit-testijiet tal-2021 meta t-test kien sar ukoll minn Spiteri, u wkoll fit-test tas-snin 2020 u 2019 meta t-test sar minn *tester* ieħor. Innota wkoll illi l-qari mdaħħal fis-sistema minn Spiteri fl-2022 u dak li niżżel fid-*discrepancy form* ma kienx jaqbel, fis-sens li fis-sistema daħħal qari ta' 300622 KM filwaqt li fuq id-*discrepancy form* il-qari ġie dikjarat bħala 193035KM.

Spjega li bħala prassi, fejn ikun hemm diskrepanza fil-qari tal-*odometer*, u ċioe` fejn l-aħħar kilometraġġ irreġistrat mill-VRT *tester* ikun inqas minn dak reġistrat waqt il-VRT preċedenti, jew ikun indaqs, tinħoloq dejjem restrizzjoni awtomatika fis-sistema waqt li jkun qed isir il-VRT biex ma tkunx tista' tiġġedded il-liċenzja qabel ma tiġi rranġata l-problema tal-qari tal-*odometer*. Meta jiġri hekk, l-Awtorita` tanalizza l-każ

[1] MS 1 a fol. 37

u jekk ma tkunx tista' tasal għal x'seta' kien l-iżball, jew ma tkunx tista' tikkonkludi liema hu l-qari t-tajjeb, titlob lil sid il-vettura jagħtiha r-raġuni x'wassal għal tali diskrepanza fil-qari permezz ta' dikjarazzjoni ġuramentata u/jew inkella f'ċerti każi tiġi aċċettata dikjarazzjoni tat-*tester* li jkun għamel l-iżball.

Spjega li f'dan il-każ, sid il-vettura ma xtaqx jagħmel tali dikjarazzjoni stante li l-*odometer* kien jaħdem sew u kien ċar li l-qari kien ġie mdaħħal ħażin mit-*tester*. Għalhekk huwa kkuntattja lil Spiteri sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu. Spiteri rrisponda permezz ta' konverżazzjoni telefonika u anke permezz ta' emejl datata 25 ta' Jannar 2022 fejn ikkonferma li r-raġuni għala l-qari ġie reġistrat ħażin billi żied kilometru wieħed biss kienet biex il-klijent ma jkollux restrizzjonijiet biex ikun jista' jġedded il-liċenzja u li għamel dan minħabba li ma kienx induna li l-vettura kellha mwaħħla *conversion sticker* fuq l-*odometer*. Ix-xhud stqarr li Spiteri ma setax jagħmel dan għaliex *tester* huwa fid-dover li jdaħħal il-qari attwali eżatt kif jidher fuq l-*odometer* u jinnotifika lill-Awtorita` b'kull diskrepanza li jsib fl-*odometer* b'dan illi kwalunkwe diskrepanza trid tiġi rranġata qabel it-tiġdid tal-liċenzja.

**George Farrugia**, Manager fit-Technical Unit tal-Awtorita` intimata, xehed illi fis-26 ta' Jannar 2022 kienet inġibditlu l-attenzjoni minn Johann Cremona li Spiteri kien daħħal qari tal-*odometer* fittizju biex vettura tkun tista' tiġġeddilha l-liċenzja. Spjega li l-proċedura li kellha tiġi segwita f'każijiet simili kienet li meta *tester* jinnota diskrepanza fil-qari tal-*odometer,* iwaqqaf it-test, jimla d-*discrepancy form,* jagħti r-raġuni fuqha, jagħtiha lill-klijent u dan joħodha Transport Malta biex il-każ jiġi nvestigat. Wara li Transport Malta tagħti l-*clearance,* sid il-vettura jerġa' jmur il-VRT Station u jkun biss f'dak il-punt illi jista' jinħareġ ċertifikat ta' *pass*.

Spjega li diskrepanza fl-*odometer* tista' tkun għal diversi raġunijiet, u ċioe` kemm minħabba żbalji ġenwini iżda wkoll jista' jkun hemm tbagħbis u għalhekk huwa l-obbligu ta' kull *tester* li ma jipproċedix bit-test qabel ma jkun hemm investigazzjoni u approvazzjoni tal-Awtorita`.

Spjega li f'dan il-każ Spiteri kien żied kilometru wieħed fuq il-qari tal-2021 sabiex is-sistema ma waqqfitux u jkun jista' jipproċedi bit-test. Dan ma setax isir għaliex tnizzel kilometraġġ fittizju u l-proċedura ma ġietx segwita kif suppost u għalhekk ma segwiex il-proċedura.

**Ikkunsidra:**

Illi dan huwa każ b'fatti pjuttost ċari. Illi fid-19 ta' Jannar 2022 ċertu Christian Mifsud, sid il-vettura tal-għamla Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni MXV 550 ħa l-

istess vettura għall-VRT fil-garaxx ta' Spiteri bħal ma kien għamel fis-sena preċedenti. Spiteri kkonduċa t-test u meta wasal biex idaħħal il-kilometraġġ sab diskrepanza u wara rriżultalu li dan kien dovut għaliex fuq l-i*speedometer* kien hemm imwaħħla *conversion sticker*. Illi f'dak il-punt huwa iddeċieda li jniżżel kilometraġġ fittizju għaliex altrimenti s-sistema ma kinitx se tħallieh jipproċedi bit-test, bir-riżultat li sid il-vettura ma setax iġedded il-liċenzja. Madanakollu huwa mela *discrepancy form* u bagħat lil sid il-vettura biha għand l-Awtorita` intimata.

Illi min-naħa l-oħra, l-Awtorita` intimata qiegħda tisħaq illi Spiteri ma mexiex kif kellu jimxi u dana għaliex malli nnota d-diskrepanza huwa ma setax iniżżel kilometraġġ fittizju u jgħaddi l-vettura mit-test. Dak li kellu jagħmel huwa li jdaħħal il-qari li jkun qed jara fuq l-*odometer*, is-sistema tiġi bblokjata, u jimla d-*discrepancy form*. Huwa biss wara li l-Awtorita` tinvestiga dik id-diskrepanza, u tagħti l-*clearance* tagħha wara li tiġi rranġata l-istess diskrepanza, li t-*tester* ikun jista' joħroġ *pass test result*. Jidher li però, kif ingħad, Spiteri ma għamilx hekk u dana peress li fi kliemu "*The reason I added 1 kilometre in 2022 is so that I could pass the car and the car would be licensed and not being driven against the law on the road.*"

Illi l-Awtorita` intimata tisħaq li allura dan ma sarx bi żball ġenwin imma b'intenzjoni u kien għalhekk li imponiet il-punti penali fuq Spiteri.

Illi l-liġi li tirregola s-settur tat-testijiet tal-vetturi hija l-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 (Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur Huma tajba għat-Triq). Illi l-obbligi tat-*tester* jinsabu elenkati f'Regolament 14 tal-istess leġislazzjoni fejn is-subartikolu (2) jiddisponi dan li ġej:-

*(2) Kull persuna impjegata biex tittestja għandha wkoll tħares il-kondizzjonijiet li ġejjin:*

*(a) il-persuna li tittestja għandha tagħmel testijiet ta' vetturi bil-mutur ta' dik il-klassi li hija kwalifikata u reġistrata biex tittestja, u għandha, dwar l-affarjiet l-oħra kollha, tħares kull waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, kif dawn japplikaw għal persuna li tittestja;*
*(b) il-persuna li tittestja għandha tħares, f'kull ħin, ir-regolamenti u standards li għandhom x'jaqsmu ma' testjiet li jiċċertifikaw li l-vettura hija tajba għat-triq kif stipulati f'dawn ir-regolamenti u approvati mill-Awtorità;*

*(ċ) il-persuna li tittestja ma tistax, taħt ebda ċirkostanza, tikkondizzjona minn qabel lis-sid tal-vettura biex isiru tiswjiet jew aġġustamenti kif indikati fir-riżultat tat-test, fl-istess post, jew tagħmel test li jiċċertifika li l-vettura hija tajba għat-triq fuq vettura bil-mutur li fuqha, immedjatament qabel dak it-test, tkun għamlet tiswijiet fuq partijiet li għandhom jiġu ttestjati;*

*(d) il-persuna li tittestja ma għandhiex, taħt ebda ċirkostanza, tafferma riżultat pożittiv ta' test sakemm ma jsirx test komplet u l-partijiet kollha li kellhom jiġu ttestjati ġew misjuba sodisfaċenti, jew tafferma riżultat pożittiv ta' test magħmul mill-ġdid sakemm dan it-test ma jikkonfermax li it-tiswijiet meħtieġa ġew magħmula fuq il-partijiet li kellhom jiġu ttestjati;*

*(e) il-persuna li tittestja ma tistax tittestja vetturi kemm-il darba l-Awtorità ma tkunx sodisfatta li l-faċilitajiet u t-tagħmir fl-istazzjon fejn dik il-persuna tkun impjegata jkunu skont il-ħtiġiet preskritti;*

*(f) il-persuna li tittestja għandha tikkonsulta u timxi ma' standards stabbiliti fil-manwali approvati u akkreditati dwar testijiet.*

Illi għar-raġunijiet diġa' spjegati iktar 'il fuq, l-Awtorita` sabet illi Spiteri ma mexiex mal-proċedura u niżżel kilometraġġ li fil-fatt kien fittizju biex il-vettura ta' Mifsud tgħaddi mit-test. Illi fil-fehma tat-Tribunal, kienu kemm kienu tajbin l-intenzjonijiet ta' Spiteri, huwa wetttaq irregolarita` u dak li kien fid-dover li jagħmel ma wettqux fit-totalita` tiegħu. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li hu tajjeb li mela d-*discrepancy form*, min-naħa l-oħra ma setax iniżżel kilometraġġ inveritjier konsapevolment. Illi fi kliem Spiteri stess, sid il-vettura ma tantx kien jagħmel użu mill-istess vettura, u kwindi ma jirriżultax li kien hemm xi neċessita` impellenti li jipproċedi kif għamel. Pero` anke li kieku kien hemm neċessita` impellenti li sid il-vettura jġedded il-liċenzja, xorta waħda ma setax iniżżel qari ta' kilometraġġ li ma jirriflettix ir-realta`.

Illi għaldaqstant, ai fini tat-test, Spiteri għażel li jinjora d-diskrepanza fil-qari tal-*odometer,* anke jekk mela d-*discrepancy form.* Illi t-Tribunal iqis li l-mili tad-*discrepancy form* ma jissostitwix id-dover li kellu li jniżżel il-qari kif suppost.

Illi wara li kkunsidrat dawn il-fatti l-Awtorita` intimata ħasset li għandha timponi tmenin punt ta' penalita` abbażi ta' Partita 54 u 55 tat-Tnax-il Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

Illi Partita 54 telenka ksur tar-Regolamenti jekk *tester* jonqos milli jinnota odometru bil-ħsara jew imbagħbas (jekk ikun disponibbli), mentri l-Partita 55 telenka ksur jekk jonqos milli jinnota jew jinjora diskrepanzi fil-qari tal-odometru.

Illi fil-fehma tat-Tribunal ġie stabbilit illi Spiteri mill-ewwel induna x'kienet il-kawża tad-diskrepanza fil-qari, u ċioe` li kien hemm imwaħħla l-*conversion sticker*. Mix-xhieda ta' Johann Cremona jirriżulta li dan ma kienx każ ta' *odometer* li ma kienx qed jiffunzjona jew inkella li kien imbagħbas. Il-kwistjoni kollha kienet li qabel ma l-vettura ġiet impurtata Malta kienet ġiet imwaħħla

*conversion sticker* minn mili għal kilometri sabiex l-istess vettura tkun in regola fil-pajjiż esteru fejn kienet tintuża. Illi kwindi lit-Tribunal ma jirriżultalux illi Spiteri jista' jiġi imputat lilu li naqas milli jinnota "odometru bil-ħsara jew imbagħbas". Madanakollu jirriżulta pero` illi Spiteri naqas milli jinnota jew injora d-diskrepanzi minnu riskontrati meta għażel li jżid kilometru wieħed bħala l-qari tal-kilometraġġ tal-vettura in kwistjoni biex din tkun tista' tgħaddi mit-test.

Għaldaqstant, it-Tribunal iqis li filwaqt li ma kienx hemm ksur tad-doveri kif elenkati fil-Partita 54 kien hemm ksur tad-doveri tat-*tester* kif elenkati fil-Partita 55 tat-Tnax-il Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

Illi għaldaqstant it-Tribunal huwa tal-fehma illi d-deċiżjoni appellata għandha tiġi varjata in kwantu tiġi konfermata f'dik il-parti fejn l-Awtorita` intimata imponiet punti ta' penalita` ai termini tal-Partita 55, filwaqt li tiġi revokata dik il-parti fejn imponiet punti ta' penalita` ai termini ta' Partita 54 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, qiegħed limitatament jilqa' l-appell tar-rikorrenti in kwantu qiegħed jirrevoka dik il-parti tad-deċiżjoni fejn sabet li r-rikorrent ikkommetta ksur tal-obbligi tiegħu ai termini tal-Partita 54 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet li r-rikorrent ikkommetta ksur ai termini tal-Partita 55 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.15 u kwindi jikkonferma l-imposizzjoni tal-penali għal dak li jirrigwarda l-ksur tal-istess Partita.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**